A.L. 75 ta' l-1995

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI FINANZJARJA U L-VERIFIKA (KAP. 174)

Ordni ta' l-1995 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarju tad-Direttur ta' Verifika (Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartkolu (1) ta' l-artikolu 6 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Prim Ministru għamel l-ordni li ġej:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1995 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarju tad-Direttur ta' Verifika (Nru. 3), u għandu jitqies li beda jseħħ fid-dati speċifikati fl-artiklu 2 ta' dan l-Ordni.

Reviżjoni tas-salarju tad-Direttur ta' Verifika.

2. Bla ħsara għall-proviso tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 6 ta' l-Att, għandu jitħallas lid-Direttur ta' Verifika, minflok is-salarju preskritt f'dan is-subartikolu –

(1) b'seħħ mill-1 ta' Ġunju, 1993 ..... Lm8,323
(2) b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 1994 ..... Lm8,401
(3) b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 1995 ..... Lm8,518

Jirrevoka A.L. 23 ta' l-1995.

3. L-Ordni ta' l-1995 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarju tad-Direttur ta' Verifika (Nru. 2) huwa b'dan imħassar.